L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Publikazzjoni : **30 ta' April 2004**

# Haddiema tal-Gvern adieu!

Il-Haddiema tal-Gvern Maltin kienu parti nteressanti mill-kultura Maltija u min jaf kemm il-cajta dommejna dwar dawn l-imberkin haddiema tal-Gvern, Dejjem, specjalment, fic-cajt taghna, irreferejna ghalihom b'mod dispregjattiv u b'ghira kbira lejhom fl-istess nifs billi dejjem dehru f'ghajnejn kulhadd bhala haddiema li mhux talli ghandhom drittijiet u garanzija ta' post tax-xoghol mill inqas stressanti g hal ghomorhom, izda talli donnhom kellhom wisq kundizzjonijiet tajbin.

Hloqna wkoll espressjonijiet specjali bhal xoghlok xoghol! Jew jistrieh waqt il-hin tax-xoghol: jew qisek haddiem tal-Gvern! jew cajtiet hafna iktar kumplessi u kreattivi bhal ta' l-infern Malti fejn it-tliet kastigi tas-siggu ta' l-elettriku, tal-pajp ta' l-ilma u tal-gaffa ma jezistux ghax fil-kaz ta' l-ewwel jinqata' d-dawl, jinqata' l-ilma u min isuq il-gaffa ma joqghodx jittortura nies biha ghax jitlaq 'il barra u jippancja fid-disgha! Dan kollha kienu bbazati fuq l-gharfien li hafna minn dawn il-haddiema kienu ferm komdi f'posthom.

Mhux l-ewwel darba li tghaddi minn xi triq qieghda tghaddi minn xi triq qieghda tinghata t-tarmak fl-ghaxra ta' filghodu u fis-serbut tat-traffiku minhabba li t-triq tkun imblokkata b'xi gaffa tara xi tliet haddiema jahdmu u xi erbgha ghad-dell mal-hajt jiehdu l-pawsa taghhom, nerga' nghid fl-ghaxra ta' filghodu.

Pero' l-haddiem tal-Gven Malti mhu xejn hlief kreatura indigena ta' dawn il-gzejjer li addattat ruhha ghall-klima Maltija u li ghalkemm tqum kmieni filghodu kmieni tfarfar lejn id-dar ukoll!

L-istess kienu certu haddiema tal-PBS, per ezempju, li kienu jgergru ghax ikollhom joqoghdu jippancjaw fil-hamsa mentri xogholhom ikun ilu lest mit-tlieta biex ma nghaggbuhiex. Ghax ha nghiduha kif inhi, l-attitudni tal-haddiema tal-Gvern ma kinetx biss tezisti fid-dipartiment tal-Gvern izda ukoll f'certi parastatali.

U kulhadd kien mohhu mistrieh li hadd ma kien jaghmel xi sforz zejjed biex jintoghgob. Fid-dipartiment tal-Gvern sitwazzjoni tipika kienet li min jirrispondi t-telefon jahsdek bl-accent li jilqghek bih u b'hin tmur tinqeda ma tasal qatt. Il-haddiema tal-Gvern la qatt kellhom ghalxiex jidhru sbieh jew dahqanin, la kellhom ghalxiex jilqghu n-nies bil-hlewwa u lanqas ghalxiex jaghtu l-ahjar servizz fid-dinja ghax hobzhom mahbuz! Kieku ma kienx hekk zgur li ma kienux ilaqtu dik ir-reputazzjoni.

Niftakru wkoll fil-haddiema tal-Gvern bla kwalifiki ta' xejn u li hadu posthom ghax qabdu bhal xi mhara ma' xi ministru u dik kienet l-unika haga li ghamlu f'hajjthom u rnexxietilhom. Dan kollu se jinbidel. Illum se jibdew jigu kkunsidrati hafna iktar il-kwalifiki ghax-xogholijiet mal-Gvern qeghdin jonqsu bil-granet. Ic-cirku tal-hbieb tal-hbieb jibda dejjem jaghfas 'il gewwa u jickien u l-postijiet tax-xoghol isiru dejjem iktar limitati.

Mhix l-intenzjoni tieghi li nkun la dispreggjattiva u lanqas offensiva. Min qed jiehu l-artiklu tieghi hekk qed jifhem kollox hazin.

Li qieghda naghmel huwa li nuri kif f'daqqa wahda ezattament wara t-12 ta' April, 2003 u wara elezzjoni ohra, din il-mentalita' kellha tinbidel mil-lejl ghan-nhar.

Kull ma nistghu naghmlu mil-lum 'il quddiem huwa li noqghodu nghaggbu lill-generazzjonijiet futuri u lilna nfusna kemm konna tajjeb qabel.

Ghada pitghada anke li tista' ccempel id-dar minn fuq ix-xoghol jista' jitqies bhala lussu. Imbaghad niftakru meta fuq ix-xoghol kien hemm min jaghmel siegha jparla ma' l-gharus fuq it-telefon kuljum.

Li huwa nteressanti dwar il-poplu Malta huwa li minkejja d-densita' kbira ta' nies u popolazzjoni li ftit barranin jifhmu kif in-nies jirnexxilhom biss biss joqghodu bil-wieqfa minn tarf sa tarf tal-gzira minghajr ma jaqghu l-bahar! U ahna! Bhal bejta nemel, mhux talli nghixu ( jew konna nghixu) f'din l-armonija kollha! Talli nsibu xoghol kemm irridu u ghal ghomorna kollu!

Niftakru ukoll fiz-zjarat bieb bieb li kelli. Gieli tkellimt dwar dan il-fenomenu u min kien quddiemi ma emminnix. Nixtieq xi nies minn dawk nerga' nkellimhom illum. Insomma, jekk nigu ghal dan hemm hafna nies li nixtieq nerga' nkellem illum u nara r-reazzjoni taghhom wara li tilfu l-impjieg ghax f'daw fi Gvern Nazzjonalista.

Nixtieq nirreferi wkoll ghall-fatt li kiem il-darba semmejt qabel dik l-imbierka elezzjoni ta' l-2003. Li mbaghad il-ministru jkollu l-ikbar skuza fil-komma biex ma jghinx lill-elettorat jigifieri li jghid li minhabba l-Unjoni ma jistax jaghmel mod iehor. U hekk hu! Il-Gvern se jaghmel tibdiliet fl-istrutturi li fi kliem il-Gvern stess se jgibu maghhom tbatijiet. U l-htija tehodha dejjem l-Unjoni halli fil-verita' tkun home-made!

Is-sitwazzjoni hi wahda ta' minn got-tagen waqhajna ghal gon-nar jew waghajtu ghal gon-nar ghax wara kollox sfortunatament jien u nies bhali ma kienux jaqghu kieku l-maggoranza ma waddbithomx maghha nerga' nghid minn got-tagen ghal gon-nar.

Il-Maltin se jdumu ma jifhmu ezatt li iktar kemm issir privitazzjoni u iktar kemm isiru paraventi ghall-Gvern (bl-ikbar paraventu tkun l-Unjoni Ewropea nnifisha) inqas il-ministru jsir produttur tax-xoghol. Ghax f'daqqa wahda l-Gvern qajla qed jibqa' min ihaddem. Ix-xoghol provdut mill-Gvern qed jonqos u jonqos u jonqos.

U hekk tispicca l-epoka tal-haddiem tal-Gvern Malti. U jigi l-haddiem Ewropew haddiem li ghandu hafna drittijiet u m'ghandux xoghol jew m'ghandux kundizzjonijiet tajba ta' xoghol, ghandu lista ta' ittri wara ismu ghax flor qaghad jahli l-hin waqt li jfittex ix-xoghol qaghad jistudja, u anke jekk ikollu x-xoghol irid jahdem mis-sebgha sal-hamsa u lanqas telefonata ma jista' jaghmel mix-xoghol ghad-dar.

Mentri fl-istess hin nitkellmu dwar ESTA Code ohra u hafna novitajiet nispera li hemm minnkom s'issa ndunaw li qabel konna qeghdin fil-genna u issa dejjem sirna nitkellmu fuq il-gena bla ma qeghdin fiha!

Eh! Kemm se tbati ja haddiem tal-Gvern Malta! Adieu!